

Brussell, 10 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14389/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0248(CNS)

JAI 1487
FRONT 274
FREMP 389
SCHENGEN 45
AVIATION 135
IA 183
RELEX 1258

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Ottubru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 671 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar il-ħruġ tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità u l-istandards tekniċi tagħhom

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 671 final.

Mehmuż: COM(2024) 671 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 8.10.2024
COM(2024) 671 final

2024/0248 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-ħruġ tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità u l-istandards tekniċi tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2024) 671 final} - {SWD(2024) 672 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tipprevedi li ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu u ta' residenza bl-użu tal-karti tal-identità u tal-passaporti. Dawn id-dokumenti tal-ivvjaġġar huma dokumenti fiżiċi ta' sigurtà għolja bbażati fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organization), u huma mġammra b'medium ta' memorja (ċippa) mingħajr kuntatt li jkun fih id-*data* bijografika tad-detentur, l-immaġni tal-wiċċ u żewġ marki tas-swaba'.

L-ICAO ilha mill-2016 taħdem biex tiddiġitalizza d-dokumenti tal-ivvjaġġar biex tiffaċilita l-ivvjaġġar bl-ajru. Ir-riżultat ta' din il-ħidma mill-ICAO huwa l-iżvilupp ta' standard tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali li jagħmel użu mid-*data* personali (esklużi l-marki tas-swaba') maħżuna fiċ-ċippa ta' dokument tal-ivvjaġġar. Kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jista' jinħażen b'mod sigur, pereżempju fuq mobile, għal użu uniku jew għal użi multipli. Id-detenturi jistgħu jikkondividu l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali tagħhom mal-partijiet ikkonċernati rilevanti qabel jivvjaġġaw, bħall-awtoritajiet tal-fruntieri u t-trasportaturi, bl-użu ta' interfaċċa bħal applikazzjoni tal-mobile. L-ewwel verżjoni tal-istandard tekniku tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali tal-ICAO² diġà ġie ffinalizzat u ttestjat fi proġetti pilota³.

Dan il-progress teknoloġiku fil-qasam tad-dokumenti tal-ivvjaġġar jista' jiġi sfruttat biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-moviment, billi tintuża d-*data* fiċ-ċippa mingħajr kuntatt ta' dokumenti fiżiċi għall-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali⁴. Fil-kuntest ta' din il-proposta, "kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali" tfisser rappreżentazzjoni diġitali tal-identità tal-persuna li tiġi mill-informazzjoni maħżuna fiċ-ċippa tal-karta tal-identità li tista' tiġi vvalidata b'mod sigur u affidabbli bl-użu tal-infrastruttura tal-kjavi pubblika tal-awtorità tal-Istat Membru li toħroġ il-karta tal-identità. Dan il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali għandu jkun fih l-istess *data* personali, inkluża l-immaġni tal-wiċċ tad-detentur, li tinħoloq fuq il-karta tal-identità, bl-eċċezzjoni tal-marki tas-swaba' tad-detentur.

¹ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/38/oj>).

² Ara l-ICAO, [Guiding Core Principles for the Development of Digital Travel Credential \(DTC\) \(Il-prinċipji Ewlenin ta' Gwida għall-Iżvilupp tal-Kredenzjali tal-Ivvjaġġar Diġitali \(DTC\)\)](#) u [Digital Travel Credentials \(DTC\), Virtual Component Data Structure and PKI Mechanisms \(Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali \(DTC\), l-Istruttura tad-Data tal-Komponenti Virtwali u l-Mekkaniżmi tal-PKI\)](#), Verżjoni tar-Rapport Tekniku 1.2, Ottubru 2020.

³ Ara, pereżempju, Raja Rajavartiolaitos, "Finland and Croatia are testing digital travel credentials in external border traffic in a DTC Pilot project", ("Il-Finlandja u l-Kroazja qed jittestjaw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali fit-traffiku fil-fruntieri esterni fi proġett pilota tad-DTCs"), 03.02.2023, disponibbli online fuq: https://raja.fi/-/suomi-ja-kroatia-kokeilevat-digitaalisen-matkustusasiakirjan-kaytto-a-ulkorajaliikenteessa-dtc-pilotiprojektissa?languageId=en_US; Il-Gvern tan-Netherlands, "Dutch participation in European DTC pilot" ("Il-parteċipazzjoni Netherlandiża fil-proġett pilota Ewropew tad-DTCs"), 27.10.2023, disponibbli online fuq <https://www.government.nl/documents/publications/2023/02/23/dtc>.

⁴ Għal aktar dettalji dwar il-qsim tal-fruntieri esterni taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, ara COM(2024) 670 final.

Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità għandhom il-potenzjal li jagħmluha aktar faċli għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-moviment. Minħabba li ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jużaw il-karti tal-identità tagħhom biex jaqsmu l-fruntieri esterni taż-żona Schengen, dawn il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jippermettulhom jgħaddu mill-kontrolli tal-fruntieri aktar malajr u mingħajr xkiel ladarba dan ikun sar possibbli.

Għal dan il-għan, din l-inizjattiva timxi id f'id ma' proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi applikazzjoni għas-sottomissjoni elettronika ta' *data* tal-ivvjaġġar (l-applikazzjoni "EU Digital Travel") u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/399 u (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004, fir-rigward tal-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali⁵. Fost affarijiet oħra, dik il-proposta tintroduċi kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali bbażat fuq il-passaporti u tistabbilixxi speċifikazzjonijiet għall-applikazzjoni "EU Digital Travel", applikazzjoni tal-mobile għall-ħruġ u s-sottomissjoni ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għal verifika qabel l-ivvjaġġar. L-adozzjoni taż-żewġ proposti fl-istess ħin tiżgura konsistenza fl-iżviluppi għall-karti tal-identità u l-passaporti, filwaqt li jitqies li ż-żewġ tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar jistgħu jintużaw biex jiġi eżerċitat id-dritt għal-libertà tal-moviment. B'riżultat ta' dan, iċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom karta tal-identità għandhom ikunu jistgħu jużaw l-applikazzjoni "EU Digital Travel" biex jgħolqu u jissottomettu kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq karta tal-identità bħal meta jużaw il-passaporti.

Ladarba jkunu disponibbli, il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jistgħu jintużaw ukoll biex jiffaċilitaw aspetti oħra tal-moviment liberu, bħar-reġistrazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali meta persuni jmorru joqogħdu fi Stat Membru ieħor, li għandu l-potenzjal li jnaqqas il-piż amministrattiv. Fi stadju aktar tard, jista' wkoll ikun possibbli li jiġi eżerċitat il-moviment liberu abbażi tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali biss, jiġifieri mingħajr il-ħtieġa ta' karta tal-identità fiżika jew ta' passaport. Fl-aħħar nett, kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali awtentiku jista' jiffaċilita l-aċċess għal skemi ta' identifikazzjoni elettronika, u għal servizzi li jeħtieġu identifikazzjoni affidabbli. Dan għandu l-potenzjal li jissimplifika l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni, inklużi dawk li jirrisjedu fi Stat Membru għajr dak li tiegħu huma jkunu ċittadini.

L-industrija u l-gvernijiet nazzjonali diġà bdew jesploraw modi kif jużaw l-informazzjoni diġitali dwar l-ivvjaġġar biex l-ivvjaġġar isir proċess aktar bla xkiel u ċċentrat fuq il-klijent. Il-Kummissjoni tqis li għandu jiġi stabbilit standard uniformi għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali fil-livell tal-Unjoni, kif imħabbar fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023⁶, peress li dan: (i) jevita l-frammentazzjoni; (ii) jiżgura konformità mal-valuri tal-Unjoni; u (iii) jiggarrantixxi li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali. Dan jippermetti wkoll li l-Unjoni ssawwar il-progress fuq l-istandards globali, u tippromwovi kemm l-interessi ekonomiċi tagħha kif ukoll l-awtonomija strateġika teknoloġika tagħha.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, din l-inizjattiva għandha l-għan li tistabbilixxi kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali bbażat fuq il-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri li ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jużaw meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-moviment.

Sabiex tinkiseb l-interoperabbiltà globali, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Unjoni għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karta tal-identità għandhom ikunu bbażati fuq l-istandard tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali tal-ICAO. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini

⁵ COM(2024) 670 final.

⁶ COM(2022) 548 final.

kollha tal-Unjoni li għandhom karta tal-identità jkunu jistgħu jiksbu l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, l-Istati Membri kollha li joħorġu l-karti tal-identità għandhom joffru l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali liċ-ċittadini tagħhom. Fl-istess ħin, iċ-ċittadini tal-Unjoni ma għandhomx ikunu obbligati jkollhom il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jekk ikunu jixtiequ jeżerċitaw il-moviment liberu billi jużaw biss il-karta tal-identità fiżika jew il-passaport tagħhom.

Sabiex jiġi promoss l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandu jkollhom l-għażla li jirċievu l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali bbażat fuq il-karta tal-identità meta jirċievu karta tal-identità fiżika ġdida. Barra minn hekk, huma għandhom ikunu jistgħu jiksbu l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali bl-użu ta' karta tal-identità diġà eżistenti u valida, inkluż billi joħolquha permezz ta' applikazzjonijiet tal-mobile. Fl-aħħar nett, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jaħżnu l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tagħhom⁷.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din l-inizjattiva tirrikjedi li l-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri jikkonformaw ma' standard li jiżgura li dawn il-karti tal-identità jistgħu jservu bħala l-bażi għall-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali. Għal din ir-raġuni, din l-inizjattiva tibni fuq – u hija allinjata ma' – ir-regoli rilevanti fil-livell tal-Unjoni dwar il-karti tal-identità, li bħalissa jinsabu fir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.⁸ Wara li r-Regolament (UE) 2019/1157 ġie ddikjatat invalidu mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Landeshauptstadt Wiesbaden*⁹, il-Kummissjoni adottat, fit-23 ta' Lulju 2024, proposta¹⁰ li nediet il-proċedura għal regolament ġdid dwar l-istandards tal-karti tal-identità.

Din l-inizjattiva ma temendax il-kundizzjonijiet sostantivi stabbiliti fid-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, billi tipprovdi liċ-ċittadini tal-Unjoni bi kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali bbażat fuq karta tal-identità, din l-inizjattiva għandha l-għan li tagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jeżerċitaw dan id-dritt b'konsistenza sħiħa mad-Direttiva 2004/38/KE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva u l-implimentazzjoni tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali fl-Unjoni b'mod aktar ġenerali huma marbutin mill-qrib mal-iżviluppi li għaddejjin dwar il-ħolqien ta' identità diġitali Ewropea u l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. Għandu jkun possibbli li l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jinħażnu flimkien mal-liċenzji tas-sewqan diġitali, il-preskrizzjonijiet mediċi u dokumenti oħra fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

Din l-inizjattiva hija marbuta wkoll mal-istrateġija tal-Kummissjoni "Ewropa Diġitali" tal-2020, li għandha l-għan li tappoġġa l-użu tat-teknoloġija li se tagħmel differenza reali fil-ħajja ta' kuljum tan-nies. L-inizjattiva tappoġġa wkoll il-"Kumpass Diġitali" għall-programm "Deċennju Diġitali" tal-Unjoni, li parti minnu jippromwovi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. L-oġettiv speċifiku tal-"Kumpass Diġitali" huwa li iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni

⁷ Kif previst fir-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali (ĠU L, 2024/1183, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1183/oj>).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 67, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1157/oj>).

⁹ Is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, C-61/22, *Landeshauptstadt Wiesbaden*, ECLI:EU:C:2024:251.

¹⁰ COM(2024) 316 final.

jkollhom aċċess għall-identifikazzjoni diġitali sa tmiem l-2030¹¹. Fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali¹², il-Kummissjoni u l-koleġislaturi impenjaw ruħhom li jiżguraw li n-nies li jgħixu fl-Unjoni jiġu offruti l-possibbiltà li jużaw identità diġitali aċċessibbli, volontarja, sigura u affidabbli. B'mod aktar ġenerali, il-proposta tgħin biex tespandi l-użu tat-teknoloġiji diġitali.

L-inizjattiva twieġeb ukoll għax-xejra globali ġenerali fid-diġitalizzazzjoni u għall-aspettattivi tal-vjaġġaturi għal formalitajiet tal-ivvjaġġar dejjem aktar rapidi u mingħajr xkiel.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

L-Artikolu 77(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkonferixxi lill-Unjoni l-kompetenza li tadotta dispożizzjonijiet dwar passaporti, karti tal-identità, permessi ta' residenza jew kwalunkwe dokument ieħor bħal dan li għandu l-għan li jiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri u li huma garantiti fl-Artikolu 20(2)(a) TFUE¹³.

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-Unjoni f'ambjent sigur billi jingħataw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali awtentiċi bbażati fuq il-karti tal-identità maħruġa lilhom mill-Istati Membri. Għalhekk, din il-proposta hija marbuta b'mod inseparabbli mar-regoli dwar il-karti tal-identità fiżiċi. Għaldaqstant, din il-proposta hija bbażata fuq l-istess bażi legali tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza li jinħarġu liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-moviment¹⁴.

L-Artikolu 77(3) TFUE jipprevedi proċedura leġislattiva speċjali. Meta l-Kunsill jadotta miżuri skont l-Artikolu 77(3) TFUE, huwa jrid jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-qafas legali attwali tal-Unjoni ma jippermettix l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-moviment. Minħabba n-natura tal-problema u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-interoperabbiltà, l-Istati Membri nfushom ma jistgħux jintroduċu b'mod effettiv format uniformi għall-Unjoni kollha għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità, u għalhekk ma jistgħux jiffaċilitaw l-eżerċizzju tal-moviment liberu abbażi ta' dawn il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali. Kwalunkwe soluzzjoni nazzjonali għorri ir-riskju li ma tiġix aċċettata fi Stati Membri oħra, u tqajjem mistoqsijiet dwar il-konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni meta jintużaw fil-kuntest tal-moviment liberu.

Din il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-moviment billi tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni l-għażla li jiksbu u jużaw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità nazzjonali tagħhom. Għal raġunijiet ta' skala u tal-impatti mistennija, l-oġġettivi jistgħu jinkisbu biss b'mod effiċjenti u effettiv fil-livell tal-Unjoni.

¹¹ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/europe-fit-digital-age/europes-digital-decade-digital-targets-2030_mt

¹² ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1.

¹³ Is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, C-61/22, *Landeshauptstadt Wiesbaden*, ECLI:EU:C:2024:251, il-punt 54.

¹⁴ COM(2024) 316 final.

Fl-istess ħin, din il-proposta ma tirrikjedix li l-Istati Membri jintroduċu l-karti tal-identità meta dawn ma jkunux previsti fil-liġi nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv tagħha, peress li ma tbiddilx b'mod fundamentali r-regoli u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38/KE jew daww stabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' moviment¹⁵.

Barra minn hekk, id-deċiżjoni dwar jekk jiksbux kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jew le se titħalla f'idejn iċ-ċittadini individwali tal-Unjoni. Daww li jiddeċiedu li ma jagħmlux dan xorta jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' moviment bl-użu tal-passaport fiżiku jew tal-karta tal-identità tagħhom biss. Madankollu, jistgħu ma jibbenefikawx minn xi wħud mill-faċilitazzjonijiet disponibbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom ukoll il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali.

Spjegazzjonijiet addizzjonali dwar il-proporzjonalità tal-għażliet ta' politika differenti – inklużi daww mhux miżmuma – jingħataw fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta¹⁶.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-uniku strument legali li jiżgura l-implimentazzjoni diretta, immedjata u komuni tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

It-tnejn ta' din l-inizjattiva u l-proposta li takkumpanjaha¹⁷ involvjet firxa wiesgħa ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-aġenziji tal-Unjoni, l-industrija, il-pubbliku ġenerali, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fl-ivvjaġġar internazzjonali. Għet organizzata konsultazzjoni pubblika bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt¹⁸. Twettaq ukoll sħarriġ speċjali tal-Ewrobarometru biex jinkiseb aktar għarfien dwar il-fehmiet taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għall-ivvjaġġar transfruntier¹⁹. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati li ġew ikkonsultati esprimew appoġġ wiesa' għall-inizjattiva, filwaqt li enfasizzaw il-benefiċċji u l-konvenjenza mistennija kemm għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għall-vjaġġaturi li jirriżultaw mill-fatt li l-vjaġġaturi jkunu jistgħu jużaw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali.

Il-Kummissjoni qieset il-feedback li rċeviet f'dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni fit-tnejn ta' din l-inizjattiva. Pereżempju, l-inizjattiva tipprevedi li l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar

¹⁵ COM(2024) 316 final.

¹⁶ SWD(2024) 671 final.

¹⁷ COM(2024) 670 final.

¹⁸ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13514-Travel-digitalising-travel-documents-to-make-travelling-easier/public-consultation_mt

¹⁹ [Rapport speċjali tal-Ewrobarometru 536](#) dwar id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar.

diġitali jkun volontarju (mhux obbligatorju għall-vjaġġaturi) u tipproponi standard tekniku uniformi għal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali kollha tal-Unjoni.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Biex tgħin fit-tħejjija tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni kkuntrattat studju estern dwar inizzjattiva tal-Unjoni rigward id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar biex jiġu żviluppati għażliet u jiġu vvalutati l-impatti potenzjali tagħhom. L-istudju kien jinvolvi l-ġbir ta' fehmiet u għarfien espert tal-partijiet ikkonċernati fil-forma ta' intervisti strateġiċi, konsultazzjonijiet immirati, intervisti fil-fond u l-konsultazzjoni pubblika.

Tliet Stati Membri (il-Finlandja, il-Kroazja u n-Netherlands) qed iwettqu wkoll proġetti pilota ffinanzjati mill-Unjoni biex jittestjaw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għall-ivvjaġġar transfruntier. L-esperjenzi u r-riżultati li waslu sa issa minn dawn il-proġetti pilota tqiesu u ġew riflessi fil-valutazzjoni tal-impatt u f'din il-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fit-tħejjija ta' din l-inizzjattiva u l-proposta li takkumpanjah²⁰, il-Kummissjoni wettqet ukoll valutazzjoni tal-impatt²¹. Il-valutazzjoni tal-impatt evalwat tliet għażliet ta' politika, li kull waħda minnhom kienet tinvolvi miżuri leġiżlattivi minħabba li kienu jeħtieġu li tiġi emendata jew ikkomplementata l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-verifiki fil-fruntieri. Dan eskluda mill-bidu approċċ ta' "liġi mhux vinkolanti".

Kull għażla ta' politika kien fiha ftit elementi kostitwenti komuni, jiġifieri: (i) perjodu ta' tranżizzjoni; (ii) l-użu tal-istandard tekniku internazzjonali eżistenti tal-ICAO; (iii) l-użu volontarju tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali mill-vjaġġaturi (kif ikkonfermat mill-konsultazzjoni pubblika); u (iv) soluzzjoni teknika ċentrali tal-Unjoni għall-ħolqien u s-sottomissjoni tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali.

Id-differenza ewlenija bejn it-tliet għażliet ta' politika hija l-livell ta' flessibbiltà li jgawdu l-Istati Membri dwar: (i) il-possibbiltà li n-nies jirċievu l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali (peress li xi Stati Membri pprojbew b'mod espliċitu l-aċċess għad-*data* taċ-ċippa tad-dokumenti tal-ivvjaġġar); u (ii) l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali fil-kuntest tal-ivvjaġġar transfruntier.

Is-sommarju ta' hawn taħt ikopri biss l-aspetti li huma rilevanti għal din il-proposta.

L-għażla ta' politika 1 ippermettiet lill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għall-vjaġġaturi.

L-għażla ta' politika 2 obligat lill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għall-vjaġġaturi.

L-għażla ta' politika 3 obligat lill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għall-vjaġġaturi u stabbiliet approċċ armonizzat rigward l-użu tagħhom fl-Istati Membri kollha.

Abbażi tal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt, l-għażla ppreferuta kienet l-għażla 3 flimkien ma' perjodu ta' tranżizzjoni xieraq. Skont l-għażla 3, l-Istati Membri kollha joffru kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali abbażi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar li diġà joħorġu. Iċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu jużaw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali tagħhom: (i) fl-Istati Membri li jagħżlu li jimplimentaw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali waqt perjodu ta'

²⁰ COM(2024) 670 final.

²¹ SWD(2024) 671 final.

tranżizzjoni; u (ii) fl-Istati Membri kollha kkonċernati wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, u ladarba s-soluzzjoni teknika komuni għall-Unjoni kollha tkun lesta.

B'mod ġenerali, l-għażla ppreferuta għandha l-aktar impatt pożittiv biex jintlaħqu l-oġettivi biex: (i) l-eżerċizzju tal-moviment liberu iseħħ bla xkiel u aktar faċli; u (ii) jiġi rrispettati standards ta' sigurtà stretti. Dan l-impatt huwa prinċipalment dovut għall-obbligu doppju fuq l-Istati Membri li jippermettu li l-individwi jiksibu kemm il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali kif ukoll jużawhom realment għal skopijiet ta' vvjaġġar. L-issodisfar ta' dan l-obbligu doppju huwa mistenni li jirriżulta fl-oġġla użu mistenni tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali minn fost l-għażliet ta' politika kollha. L-għażla ppreferuta tagħti lil kull ċittadin tal-Unjoni li jkollu karta tal-identità konformi l-għażla li jikseb kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali bl-aktar mod effettiv.

L-istandardizzazzjoni tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità ġgħib magħha wkoll aktar benefiċċji, bħal effiċjenza akbar għat-trasportaturi (il-linji tal-ajru, it-trasport marittimu tal-passiġġieri, il-kumpaniji ferrovjarji, eċċ.) li jistgħu jiddeċiedu fuq bażi volontarja li jintegraw dawn il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali fil-flussi tax-xogħol tagħhom. Bl-inkorporazzjoni tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, din il-proposta tippermetti li ċ-ċittadini tal-Unjoni jagħmlu użu ulterjuri minnhom.

L-għażla ppreferuta tpoġġi piż limitat fuq l-Istati Membri marbut mat-twassil tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, li huwa kkompensat mill-impatt pożittiv mistenni tal-miżuri. Il-benefiċċji finali se jiddependu fuq l-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali. Aktar informazzjoni dwar il-kostijiet, il-benefiċċji u l-evalwazzjonijiet ibbażati fuq ix-xenarju tal-għażla ppreferuta hija pprovduta fil-valutazzjoni tal-impatt.

Ma huwa mistenni l-ebda impatt ambjentali sinifikanti minn din l-inizjattiva, b'mod partikolari minħabba li l-inizjattiva mhijiex mistennija li jkollha impatt fuq il-volum tal-ivvjaġġar.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ opinjoni pożittiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt fil-15 ta' Diċembru 2023²², li fiha rrakkomanda li l-valutazzjoni tal-impatt tiddistingwi aħjar il-benefiċċji f'termini ta' kompetittività u tivvaluta aħjar il-kostijiet u l-benefiċċji tal-għażliet differenti.

• **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma ġie identifikat l-ebda impatt speċifiku fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-proċess ta' tħejjija ta' din il-proposta.

Peress li din il-proposta tistabbilixxi l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali bbażat fuq il-karta tal-identità, hija kompletament kompatibbli mal-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku".

• **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tħalli impatt pożittiv fuq id-dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-moviment liberu u għar-residenza skont l-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") billi tintroduċi l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali bbażat fuq il-karti tal-identità li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

Din il-proposta se twassal għall-ipproċessar tad-*data* personali (inkluża *data* bijometrika, jiġifieri l-immaġni tal-wiċċ tad-detentur tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali). L-obbligu li tiġi inkluża immaġni tal-wiċċ fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali maħruġa abbażi tal-karti tal-identità jikkostitwixxi limitazzjoni kemm fid-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u kemm fid-

²² SEC(2024) 670.

dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali²³. Il-limitazzjonijiet fuq dawn id-drittijiet iridu jkunu previsti fil-liġi u jirrispettaw il-kontenut essenzjali ta' dawn id-drittijiet. Barra minn hekk, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, tali limitazzjonijiet jistgħu jsiru biss jekk ikunu meħtieġa u ġenwinament jilhqgħu l-oġġettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni, jew jekk hemm il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet ta' oħrajn²⁴.

F'dan il-kuntest, il-proposta tipprevedi li l-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni²⁵, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* personali fil-kuntest tal-karti tal-identità fiżiċi²⁶, għandha tapplika. Il-limitazzjonijiet, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-limitazzjonijiet, għalhekk se jiġu stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, primarjament f'din il-proposta kif ukoll fir-Regolament propost dwar il-karti tal-identità²⁷. L-obbligu li tiġi inkluzja l-immaġni tal-wiċċ tad-detentur ma jaffettwax b'mod negattiv il-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, peress li l-informazzjoni pprovduta mill-immaġni tal-wiċċ ma tippermettix, fiha nnifisha, li tingħata stampa ġenerali tal-ħajja privata u tal-familja tas-suġġetti tad-*data*²⁸.

L-inklużjoni tal-immaġni tal-wiċċ fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali hija intiża biex tippermetti li d-detentur ta' dan il-kredenzjal jiġi identifikat b'mod affidabbli billi l-immaġni tal-wiċċ tiegħu titqabbel ma' dik tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali meta dan jiġi ppreżentat, u għaldaqstant tiġi miġġielda l-frodi tad-dokumenti, li huwa oġġettiv ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni, kif ikkonfermat ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja²⁹.

L-inklużjoni tal-immaġni tal-wiċċ fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali hija xierqa biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' interess ġenerali fil-ġlieda kontra l-frodi tad-dokumenti, peress li hija mezz biex tiġi vverifikata b'mod affidabbli l-identità tad-detentur tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' frodi.

Dan ma huwiex ikkontestat mill-fatt li, kuntrarjament għall-karti tal-identità fiżiċi, il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali ma jinkludux il-marki tas-swaba' tad-detentur, peress li l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jintużaw flimkien ma' dokument fiżiku minflok ma jissostitwuhom. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom dubji dwar l-awtenticietà tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jew tal-identità tad-detentur, dawn ikollhom il-possibbiltà li jużaw il-marki tas-swaba' maħżuna fiċ-ċippa tal-karta tal-identità. Bħalissa ma hemm l-ebda standard għall-inklużjoni tal-marki tas-swaba' fil-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, u

²³ Is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, C-61/22, *Landeshauptstadt Wiesbaden*, ECLI:EU:C:2024:251, il-punti 73 sa 74.

²⁴ Is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, C-61/22, *Landeshauptstadt Wiesbaden*, ECLI:EU:C:2024:251, il-punt 76.

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>) u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/680/oj>).

²⁶ COM(2024) 316 final.

²⁷ COM(2024) 316 final.

²⁸ Ara wkoll is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, C-61/22, *Landeshauptstadt Wiesbaden*, ECLI:EU:C:2024:251, il-punti 80 sa 81.

²⁹ Is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, C-61/22, *Landeshauptstadt Wiesbaden*, ECLI:EU:C:2024:251, il-punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata.

minħabba l-protezzjoni kriptografika tal-marki tas-swaba', fi kwalunkwe każ mhuwiex possibbli li dawn jiġu estratti miċ-ċippa tal-karta tal-identità.

L-inklużjoni tal-immaġni tal-wiċċ hija meħtieġa wkoll biex jinkiseb l-għan ta' interess ġenerali. Mingħajr l-inklużjoni tagħha, il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jkun fih biss id-*data* bijografika tad-detentur (bħall-isem, id-*data* tat-twelid, eċċ.), li mhijiex mezz affidabbli u effettiv ta' identifikazzjoni.

Barra minn hekk, il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq din il-proposta mhux se jkun fihom *data* personali li ma tkunx diġà tinsab fiċ-ċippa tal-karta tal-identità li abbażi tagħha tinħareġ. Fil-fatt, dawn se jkun fihom inqas *data* personali, peress li l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali ma fihx il-marki tas-swaba' tad-detentur.

Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-*Landeshauptstadt Wiesbaden* dwar il-karti tal-identità fiżiċi³⁰, il-limitazzjonijiet li jirriżultaw mill-inklużjoni ta' din id-*data* bijometrika ma humiex – fid-dawl tan-natura tad-*data* inkwistjoni, tan-natura tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar, tal-mod kif dawn jitwettqu u tas-salvagwardji stabbiliti – ta' gravità sproporzjonata meta mqabblin mas-sinifikat tal-oġġettiv mixtieq. Għaldaqstant, tali miżura għandha titqies li hija bbażata fuq bilanċ ġust bejn, minn naħa, dawn l-għanijiet u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet fundamentali inkwistjoni. B'riżultat ta' dan, il-limitazzjonijiet dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet garantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta ma jmorrux kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Fi żmien 5 snin mill-ħolqien tal-ewwel kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bl-użu tal-applikazzjoni “EU Digital Travel”, il-Kummissjoni se tevalwa l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-proposta. Dan se jiżgura li tkun disponibbli biżżejjed *data* dwar l-aspetti kollha tar-Regolament. Dik l-evalwazzjoni tista' titwettagħ flimkien mal-evalwazzjoni prevista fil-proposta ta' akkumpanjament³¹.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jiddeskrivi s-suġġett tar-Regolament.

L-Artikolu 2 fih ir-regoli sostantivi dwar il-ħolqien tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażat fuq il-karti tal-identità li nħarġu mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom stess kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2004/38/KE f'format li jikkonforma mar-Regolament propost dwar il-karti tal-identità fiżiċi³².

Meta joħorġu karta tal-identità ġdida, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-applikanti, fuq talba tagħhom, bi kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti. Id-detenturi ta' karti tal-identità kompatibbli għandhom ikunu jistgħu jitolbu wkoll il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti mill-Istati Membri li jkunu ħarġu l-karta tal-identità fi stadju aktar tard.

³⁰ Is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, C-61/22, *Landeshauptstadt Wiesbaden*, ECLI:EU:C:2024:251, il-punti 106 sa 125.

³¹ COM(2024) 670 final.

³² COM(2024) 316 final.

Barra minn hekk, id-detenturi ta' karta tal-identità għandhom ikunu jistgħu joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali bbażat fuq dik il-karta. Id-detenturi għandu jkollhom il-possibbiltà li jinħarġilhom kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali mill-bogħod b'mezzi disponibbli għall-persuna kkonċernata, bħal mobile li kapaċi jaqra ċ-ċippa mingħajr kuntatt tal-karta tal-identità flimkien ma' applikazzjoni tal-mobile.

Qabel ma jinħoloq kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema biex jikkonfermaw l-awtentiċità u l-integrità ta' ċ-ċippa tal-karta tal-identità u biex iqabblu l-immaġni tal-wiċċ tal-persuna li tkun qed tfttex li toħloq il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali mal-immaġni tal-wiċċ maħżuna fuq iċ-ċippa. Dan sabiex jiġi żgurat li l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jinħoloq mill-persuna li lilha tkun inħarġet il-karta tal-identità.

Id-detenturi ta' karta tal-identità, bil-għan li joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali huma stess, għandhom ikunu jistgħu jużaw l-applikazzjoni "EU Digital Travel", li d-dispożizzjonijiet tagħha huma stabbiliti fil-proposta ta' akkumpanjament³³. Din l-applikazzjoni se tappoġġa l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità, peress li dawn se jużaw l-istess standards tekniċi bħall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-passaporti.

Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali għandu jkun fihom l-istess *data* personali, inkluża l-immaġni tal-wiċċ tad-detentur, bħall-karta tal-identità li fuqha jkunu bbażati, apparti l-marki tas-swaba' tad-detentur, li ma għandhomx ikunu inklużi.

Għandu jkun possibbli għad-detenturi ta' kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali li jaħżnuhom fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

Barra minn hekk, dan l-Artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, l-aħħar data li minnha l-Istati Membri għandhom jippermettu l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bl-użu tal-applikazzjoni "EU Digital Travel". Din is-setgħa hija maħsuba biex tiżgura li r-rekwiżit legali li jippermetti l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bl-użu tal-applikazzjoni "EU Digital Travel" japplika biss ladarba din l-applikazzjoni tkun saret operattiva.

L-Artikolu 3 jiddeskrivi l-obbligu li l-Istati Membri jaħtru punti ta' kuntatt għall-implimentazzjoni tar-Regolament. Dawn jistgħu jkunu l-istess bħal daww magħżula għall-implimentazzjoni tar-Regolament propost dwar il-karti tal-identità fiżiċi³⁴.

L-Artikolu 4 jipprevedi li, minbarra l-qafas legali applikabbli b'mod ġenerali tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, il-qafas speċifiku għall-protezzjoni tad-*data* tar-Regolament propost dwar il-karti³⁵ tal-identità għandu japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament. Ma huwa meħtieġ l-ebda qafas separat għall-protezzjoni tad-*data* minħabba li l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali stabbiliti minn dan ir-Regolament fihom l-istess *data* personali bħall-karti tal-identità fiżiċi, ħlief għall-marki tas-swaba' tad-detentur, u huma maħsuba biex jintużaw għall-istess skopijiet.

L-Artikolu 5 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-proċeduri u r-rekwiżiti meħtieġa għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali maħruġa abbażi tal-karti tal-identità, inklużi daww li jirrigwardaw: (i) l-iskema u l-format tad-*data*; (ii) il-proċess ta' ħruġ u d-divulgazzjoni; (iii) il-validità; (iv) il-mudell ta' fiduċja; (v) l-awtentikazzjoni u l-validazzjoni; u (vi) r-revoka tagħhom.

³³ COM(2024) 670 final.

³⁴ COM(2024) 316 final.

³⁵ COM(2024) 316 final.

Dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom, sa fejn possibbli, ikunu bbażati fuq l-istandards u l-prattiki internazzjonali rilevanti miftiehma fil-livell tal-ICAO biex jiġu żgurati kemm approċċ konsistenti fil-livell internazzjonali kif ukoll l-interoperabbiltà globali tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi se jkollhom ukoll l-għan li jiżguraw li l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jkun jista' jinħażen fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

L-Artikolu 6 fih regoli dwar il-kumitat inkarigat li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tar-Regolament.

Il-“Kumitat dwar il-format uniformi tal-viża”³⁶ stabbilit bl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95³⁷ huwa nnominat bħala l-kumitat responsabbli, peress li huwa ugwalment responsabbli biex jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tar-Regolament propost dwar il-karti tal-identità fiżiċi³⁸.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tevalwa r-Regolament u tirrapporta dwaru fi żmien 5 snin wara d-data li minnha l-Istati Membri għandhom jippermettu l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bl-użu tal-applikazzjoni “EU Digital Travel” skont l-att ta' implimentazzjoni li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 2. Din l-evalwazzjoni se titwettaq f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għal “regolamentazzjoni aħjar”³⁹ u skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴⁰. Sabiex tkun tista' toħroġ rapport bħal dan, il-Kummissjoni teħtieġ kontribut mill-Istati Membri u mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni.

L-Artikolu 8 fih regoli dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tar-Regolament. Dan jipprevedi li l-Istati Membri jridu jibdeu joħorġu kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karta tal-identità barra mill-applikazzjoni “EU Digital Travel” 12-il xahar wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa msemmin fl-Artikolu 5. Il-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karta tal-identità bl-użu tal-applikazzjoni “EU Digital Travel” se jsir possibbli fi stadju aktar tard, u biss ladarba l-Kummissjoni tkun adottat l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 2.

³⁶ <https://ec.europa.eu/transparency/comitology-register/screen/committees/C20800/consult?lang=mt>

³⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/1683/oj>).

³⁸ COM(2024) 316 final.

³⁹ https://commission.europa.eu/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation/better-regulation-guidelines-and-toolbox_en

⁴⁰ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinsttit/2016/512/oj).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-ħruġ tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità u l-istandards tekniċi tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 77(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² il-karti tal-identità fiżiċi u l-passaporti huma d-dokumenti li jippermettu li ċ-ċittadini tal-Unjoni jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu u ta' residenza.
- (2) Sabiex tizzied l-affidabbiltà u l-aċċettazzjoni tal-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri li-ċittadini tagħhom u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa mill-Istati Membri li-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom u, għaldaqstant, biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) XXXX/XXXX³ [COM(2024) 316 final] isahha l-istandards tas-sigurtà applikabbli għal dawk il-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza. Għall-karti tal-identità, dak ir-Regolament jistabbilixxi l-istandards tas-sigurtà, il-format u l-ispeċifikazzjonijiet li magħhom għandhom jikkonformaw tali dokumenti fiżiċi.
- (3) Biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli fil-livell tal-Unjoni għall-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karta tal-identità, jiġifieri, rappreżentazzjoni diġitali tal-identità tal-persuna li tkun derivata mill-informazzjoni maħżuna fil-medium ta' memorja ta'

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet ta-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/38/oj>).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) XXXX/XXXX ta' [...] dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità ta-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa li-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' moviment (ĠU L [...], [...], p. [...], ELI: [...]).

karta tal-identità u li tista' tiġi vvalidata bl-użu tal-infrastruttura ta' kjavi pubblika tal-awtorità li toħroġ il-karta tal-identità. Dan iservi wkoll biex jiġi evitat il-ħolqien ta' standards inkompatibbli fl-Unjoni, u jiżgura li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li jkollhom karta tal-identità jkunu jistgħu jiksbu kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan.

- (4) Meta l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-moviment jinvolvi l-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor, l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq karta tal-identità jista' jħaffef kwalunkwe verifika applikabbli. Għaldaqstant, iċ-ċittadini tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu intitolati li jirċievu u jużaw kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità tagħhom. Fl-istess ħin, jenħtieġ li ma jkunux obbligati li jkollhom kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jew li jkomplu jużawh ladarba jkunu kisbuh.
- (5) Sabiex ikun faċli għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jiksbu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, jenħtieġ li l-Istati Membri, meta joħroġu karta tal-identità u fuq talba tal-applikant, joħroġu wkoll kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti liċ-ċittadini tal-Unjoni abbażi ta' speċifikazzjonijiet armonizzati tal-Unjoni.
- (6) Barra minn hekk, minħabba li ċittadin tal-Unjoni jista' ma jkunx għażel li jirċievi kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali meta tinħariġu l-karta tal-identità, jenħtieġ li l-Istati Membri joffru lid-detenturi tal-karti tal-identità maħruġa minnhom f'format li jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 316 final] il-possibbiltà li joħolqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti fi stadju aktar tard, inkluż mill-bogħod bl-użu ta' apparati bħal mobiles li kapaċi jaqraw il-medium ta' memorja tal-karta tal-identità flimkien ma' applikazzjoni tal-mobiles.
- (7) Meta kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jinholq mill-bogħod, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw, billi jikkonfiguraw is-soluzzjoni tas-software meħtieġa kif xieraq, li l-awtentiċità u l-integrità tal-medium ta' memorja tal-karta tal-identità fiżika jiġu vverifikati u li l-immaġni tal-wiċċ tal-persuna li tkun qed tfittex li toħloq il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, titqabbel mal-immaġni tal-wiċċ maħżuna fuq il-medium ta' memorja qabel ma jinholq il-kredenzjal. Dan sabiex jiġi żgurat li l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jinħolqu biss mill-persuna li lilha tkun inħarġet il-karta tal-identità.
- (8) Minħabba li l-applikazzjoni "EU Digital Travel", li d-dispożizzjonijiet tagħha huma stabbiliti fir-Regolament (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ [COM(2024) 670 final], se tippermetti l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 316 final], jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom dawn il-karti tal-identità jkunu jistgħu jużaw din l-applikazzjoni meta joħolqu mill-bogħod il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali korrispondenti.
- (9) Jenħtieġ li l-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jkun jappoġġa l-ħżin fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

⁴ Ir-Regolament (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi applikazzjoni għas-sottomissjoni elettronika ta' *data* tal-ivvjaġġar (l-applikazzjoni "EU Digital Travel") u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/399 u (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004, fir-rigward tal-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali (ĠU L [...], [...], p. [...], ELI: [...]).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj>).

- (10) Minħabba li huma derivati mill-karta tal-identità, il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li jkun fihom l-istess *data* personali, inkluża immaġni tal-wiċċ. L-inklużjoni tad-*data* bijometrika, jiġifieri l-immaġni tal-wiċċ, fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, jenħtieġ li tippermetti li d-detentur ta' dak il-kredenzjal jiġi identifikat b'mod affidabbli billi l-immaġni tal-wiċċ tiegħu titqabbel ma' dik fil-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali meta dan jiġi ppreżentat, u b'hekk tiġi miġġielda l-frodi tad-dokumenti. Kif ikkonfermat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ġlieda kontra l-frodi tad-dokumenti, li tinkludi, fost l-oħrajn, il-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' dokumenti foloz u l-ġlieda kontra l-użu ta' dokumenti ġenwini minn persuni li ma jkunux is-sidien veri ta' daww id-dokumenti ġenwini, tikkostitwixxi objettiv ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni.
- (11) Madankollu, il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jenħtieġ li ma jinkludux il-marki tas-swaba' tad-detentur, li huma preżenti fil-medium ta' memorja tal-karti tal-identità biex tiġi miġġielda l-frodi tad-dokumenti. Bħalissa ma hemm l-ebda standard għall-inklużjoni tagħhom fil-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, u minħabba l-protezzjoni kriptografika tagħhom, fi kwalunkwe każ mhuwiex possibbli li l-marki tas-swaba' jiġu estratti mill-medium ta' memorja tal-karti tal-identità. In-nuqqas ta' marki tas-swaba' fil-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali ma jxekkilkx il-protezzjoni kontra l-użu frodulent tal-karti tal-identità, peress li l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jintużaw flimkien mal-karti tal-identità fiżiċi minflok ma jissostitwuhom. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom dubbi dwar l-awtentiċità tal-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali jew tal-identità tad-detentur, dawn ikollhom il-possibbiltà li jużaw il-marki tas-swaba' maħżuna fil-medium ta' memorja tal-karta tal-identità.
- (12) Sabiex tingħata spinta lill-użu tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw it-tariffi għall-ħruġ tal-karti tal-identità, jenħtieġ li l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali jinħarġu mingħajr ħlas.
- (13) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiskambjaw ma' xulxin l-informazzjoni meħtieġa li tippermetti l-verifika tal-awtentiċità u tal-validità tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali.
- (14) Minħabba li kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali maħruġ skont dan ir-Regolament jikkonsisti mill-informazzjoni fil-medium ta' memorja tal-karta tal-identità tad-detentur, jenħtieġ li l-ħruġ tiegħu jiffaċilita l-eżerċizzju ta' moviment liberu u ta' residenza għall-persuni li jkollhom dan id-dokument, inkluż fil-kuntest tad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru.
- (15) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ japplika fir-rigward tad-*data* personali li trid tiġi pproċessata fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Minħabba li l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali stabbiliti b'dan ir-Regolament fihom l-istess *data* personali bħall-karti tal-identità, ħliet għall-marki tas-swaba' tad-detentur, u jintużaw għall-istess skopijiet, ir-regoli speċifiċi fir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 316 final] dwar il-protezzjoni tad-*data* personali jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali koperti minn dan ir-Regolament.
- (16) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-ħruġ u l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karta tal-identità, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata

⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi, proċeduri u rekwiżiti, inkluż fir-rigward tal-proċess tal-ħruġ, il-validità, l-awtentikazzjoni, il-validazzjoni u r-revoka tagħhom. Meta l-Kummissjoni tkun qed tiżviluppa speċifikazzjonijiet tekniċi għall-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni, sakemm ikun possibbli, tibbaża ruħha fuq l-istandards u l-prattiki internazzjonali rilevanti miftiehma fil-livell tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali biex jiġu żgurati kemm approċċ konsistenti fil-livell internazzjonali kif ukoll l-interoperabbiltà globali tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tfittex ukoll li tiżgura l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilitajiet f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tikkonferma li huwa teknikament possibbli li jinħolqu kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karta tal-identità bl-użu tal-applikazzjoni "EU Digital Travel", li d-dispożizzjonijiet tagħha huma stabbiliti fir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 670 final] u, fuq din il-bażi, biex tiġi stabbilita l-iskadenza sa meta l-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq karta tal-identità bl-użu ta' din l-applikazzjoni. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ta' implimentazzjoni jkunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.

- (17) Peress li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-moviment billi jiġu stabbiliti kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karta tal-identità, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġettivi.
- (18) F'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁸, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex tivvaluta l-effetti konkreti u jekk hemmx hteġa għal xi azzjoni ulterjuri.
- (19) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (20) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.] JEW [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

⁸ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinsti/2016/512/oj).

pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.]

- (21) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) inkluż id-dritt għal-libertà tal-moviment u d-dritt tal-protezzjoni tad-*data* personali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkonformaw mal-Karta meta jimplimentaw dan ir-Regolament.
- (22) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u ta l-opinjoni tiegħu fi XXXX¹⁰,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-qafas għall-ħruġ u l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tal-Unjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 316 final] bil-għan li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt imsemmi fl-Artikolu 20(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea miċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom dawn il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali.

Artikolu 2

Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali

1. Fuq talba mill-persuna li tkun applikat għal karta tal-identità, il-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri għandhom ikunu akkumpanjati minn kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali.
2. Fuq talba tad-detentur ta' karta tal-identità maħruġa f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 316 final], l-Istat Membru li jkun ħareġ il-karta tal-identità għandu joħroġ kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali.
3. L-Istati Membri għandhom joffru lid-detenturi ta' karta tal-identità maħruġa minnhom, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 316 final], il-possibbiltà li jholqu kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali mill-bogħod. Għal dan l-għan, id-detenturi għandhom ikunu jistgħu jużaw l-applikazzjoni "EU Digital Travel", li d-dispożizzjonijiet tagħha huma stabbiliti fir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 670 final]. Id-detenturi għandhom jitħallew jaċċessaw il-partijiet tal-medium ta' memorja tal-karti tal-identità li huma meħtieġa għall-fini tal-ħolqien ta' kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

¹⁰ ĠU C [...], [...], p. [...].

Qabel ma jinħoloq il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, li l-integrità u l-awtentikità u tal-medium ta' memorja tal-karta tal-identità jiġu vverifikati u li l-immaġni tal-wiċċ tal-persuna li tkun qed tfittex li toħloq il-kredenzjal tal-ivvjaġġar diġitali, titqabbel mal-immaġni tal-wiċċ maħżuna fuq il-medium ta' memorja.

4. Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali maħruġa jew maħluqa skont dan l-Artikolu għandhom:

- (a) ikunu bbażati fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati skont l-Artikolu 5;
- (b) ikunu f'format li jippermetti l-ħżin tagħhom fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (c) ikunu bla ħlas;
- (d) ikun fihom l-istess *data* personali, inkluża l-immaġni tal-wiċċ, bħall-karta tal-identità li jinħarġu fuqha jew li jinħolqu fuqha.

Għall-fini tal-punt (d), il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali maħruġa jew maħluqa skont dan l-Artikolu ma għandhomx jinkludu l-marki tas-swaba' tad-detentur.

5. L-Istati Membri għandhom jippermettu l-awtentikazzjoni u l-validazzjoni tal-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati skont l-Artikolu 5.

6. Ladarba l-Kummissjoni tkun ikkonfermat li huwa teknikament possibbli li jinħolqu kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità maħruġa f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 316 final] bl-użu tal-applikazzjoni "EU Digital Travel", li d-dispożizzjonijiet tagħha huma stabbiliti fir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 670 final], l-Istati Membri għandhom jippermettu l-ħolqien ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sa mhux aktar tard mid-*data* stabbilita mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6(2).

Artikolu 3

Punt ta' kuntatt

Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità bħala l-punt ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-isem ta' din l-awtorità lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Jekk Stat Membru jibdel l-awtorità li jkun innomina, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kif xieraq.

Artikolu 4

*Protezzjoni tad-*data* personali*

Id-*data* personali maħżuna fi kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali maħruġa jew maħluqa skont l-Artikolu 2 għandha tiġi pproċessata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) XXXX/XXXX [COM(2024) 316 final].

Artikolu 5
Speċifikazzjonijiet tekniċi, proċeduri u rekwiżiti

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi, proċeduri u rekwiżiti għall-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali maħruġa abbażi tal-karti tal-identità, inkluż dwar:

- (a) l-iskema u l-format tad-*data*;
- (b) il-proċess ta' ħruġ u d-divulgazzjoni;
- (c) il-validità;
- (d) il-mudell ta' fiduċja;
- (e) l-awtentikazzjoni u l-validazzjoni;
- (f) ir-revoka tagħhom.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6(2).

Meta tadotta dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà skont id-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 6
Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95¹¹. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont is-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 7
Evalwazzjoni

Sa 5 snin wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 2(6), il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar il-konklużjonijiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

L-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dan ir-rapport lill-Kummissjoni.

Artikolu 8
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 2(2) għandhom japplikaw minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-proċeduri u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 5.

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/1683/oj>).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Kunsill
Il-President